**Qiegħda hemm**

Qed narak bid-dmugħ nieżel minn għajnejk
Hekk ħelwa u mimlija kompassjoni,
F'qalbi qed inħares lejn is-sema
Nilmenta m'Alla: "Għaliex dil-passjoni?"

Nixtieq kieku għandi xi tweġiba
Imma lsieni bħalissa fis weħilli,
Kif jista' ikun mara għarfa bħalek
Tgħaddi minn dal-pwieni? Int bla xinxilli.

Donnu ma jiswix jekk tkunx fis-sewwa
Għax xorta t-tbatija tiġi għandek,
Imma dan sew Mulej tiegħi, tħalli
L-uliedek imkissra hekk ġewwa ħdanek?

Aħfirli imma qed taraha sewwa
Mara hekk dedikata għall-familja?
Għaliex, għid, hekk tkun imsallba bih?
Agħtiha ftit mistrieħ? Imqar tagħmel xirja?

Lil binha agħtih is-saħħa, inti taf
Tassew kemm dan ħuna għandu bil-wisq bżonn,
Għalhekk Mulej ħallieha idduqek
Għax idduq tħaddintek u qatt dak il-ponn?

Ħdejk o mara f'dal-waqt qiegħed nara
Id misterjuża li qed tistrieħ fuqek,
U din l-id b'ħafna ħlewwa u tama
Qed naraha li qed tkun għalik tmun li jsuqek.

Tih idek, tibżax, għalkemm imregħdha
Ħallih jimxi miegħek fejn riġlejk ituk,
Tħalli qatt nitolbok dal-mumenti
Hekk tal-biża u terribbli ikidduk.

Ħallieh iwa jieħdok naqra s'għandu
Għax ngħidlek li, fl-aħħar mill-aħħar, iħenn,
Serraħ rasek fuq sidru hekk safi
Ħallieh ifarrġek, kif jaf hu, f'dan il-hemm.

Patri Mario Attard OFM Cap
16 ta' Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.